**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 453/2021**

**Illum, tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli matul is-sena 2019 gewwa -Omissis- u/jew f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin

minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. **Ikkaguna att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jikkostitwixxix wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inkluzi ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-persuna ta' -Omissis- mwielda fil--Omissis- minuri ta' 9 snin, meta hu kien tutur jew istitur tal-istess minuri u li tigi in-neputija tas-siehba tieghu, liema delitt sar ripetutament kontra persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-artikolu 208AC(2). Liema delitt wassal ghal hsara harxa psikologika ghall-istess vittma.** ***Art. 207, 202 (b)(g)(h)(j)(k)(m), 208AC (1)(2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Mejju, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 207 u 202(g)(j)(k) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 383, 384, 385 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a favur il-vittma minuri -Omissis- datata 29 ta' Lulju tas-sena 2021.

Semghet it-trazzjoni tal-partijiet fis-seduta datata 16 ta' April 2024.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi xehed **<u>l-Ispettur Joseph Busuttil</u>** li pprezenta certifikat ta' twelid tal-akkuzat kif ukoll tal-parte civile -Omissis-, okkorrenza, ittra bi drittijiet, il-fedina penali tal-akkuzat kif ukoll stqarrija awdjo-viziva tal-akkuzat. Jghid li kien ircieva rapport minghand Agenzija Appogg rigward kaz ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens fejn kienet involuta l-minuri -Omissis- bin-numru tal-identità -

Omissis-. Jghid li tali rapport kien jindika li din l-istess minuri giet abbuzata sesswalment min-nannu tar-rispett taghha u cioè l-akkuzat -Omissis-. Jixhed li skont ir-rapport l-abbuz sar gewwa l-fond "*-Omissis-*", Triq -Omissis-, -Omissis- u meta kellem lill-vittma fil-prezenza tal-haddiema socjali u ommha skopra li kien hemm tliet (3) istanzi ta' abbuz.

Izid jghid li wahda mill-istanzi kienet sehhet fuq is-sufan gewwa l-istess residenza fejn l-akkuzat kien qieghed mimdud u la genba. Jixhed li l-vittma minuri resqet bilqieghda hdejh u hu beda jhokk il-parti privata tieghu maghha u dan billi jersaq 'il quddiem u lura. Jixhed ukoll li incident iehor li sehh kien gewwa gallinar tat-tigieg meta l-akkuzat kien qal lill-vittma minuri sabiex tmur mieghu sabiex jigbru l-bajd tat-tigieg. Jixhed li kif il-minuri tbaxxiet biex tigbor il-bajd l-akkuzat beda jhokk il-parti tieghu mal-warrani taghha filwaqt li beda jaghmel l-istess tip ta' movimenti. Istanza ohra kienet meta l-vittma minuri kellha sleepover fl-istess residenza u fil-kamra tas-sodda li kienet qieghda tuza kien hemm problema bl-internet. Jixhed li l-akkuzat minn jeddu mar jghinha tikkonnektja l-mobile mal-internet u li xhin pogga bilqieghda fuq is-sodda rega' ghamel l-istess tip ta' moviment fuq il-vittma

minuri. Jghid li l-vittma minuri qaltlu li dejjem kienu bil-hwejjeg u li qatt ma rat il-parti privata tieghu.

Ikompli jixhed li eventwalment kien kellem lill-akkuzat u kien tah id-drittijiet tieghu skont il-ligi u fil-fatt l-akkuzat xtaq lil Dr Matthew Xuereb sabiex jassistih. Jghid li ttiehdet l-istqarrija tieghu fil-prezenza tal-istess avukat u matul din l-istqarrija kien innega dawn l-allegazzjonijiet kollha. Jixhed li l-akkuzat eventwalment tressaq b'arrest fl-24 ta' Lulju 2021.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** li dak iz-zmien meta nqala' l-allegat incident kellha disa' (9) snin u xehdet bis-sistema awdjo-viziva. Gie spjegat ukoll l-importanza li tghid il-verità kollha. Tghid li l-akkuzat -Omissis- huwa s-sieheb ta' nannitha u cioè -Omissis-. Tghid li kemm hu kif ukoll in-nanna jghixu gewwa -Omissis- flimkien mat-tfal taghhom -Omissis- u -Omissis-. Tghid li darba minnhom l-akkuzat qalilha biex jghinu jigbru xi bajd tat-tigieg stante li jghixu fuq tip ta' ghalqa. Tghid li hu qalilha biex tmur go kantuniera bilwieqfa u beda jmiss il-parti privata tieghu mal-warrani taghha u beda jhokk maghha. Tixhed li hi hasset moviment quddiem u lura. Tixhed ukoll li baqghet thares lejn il-

kantuniera u li setghet tinduna li beda jmissha bil-parti privata tieghu. Izzid tghid li hi ma tafx kemm damet din il-haga u li kienet skomda b'din il-haga stante li kien fiha konnotazzjonijiet sesswali.

Tkompli tixhed li din il-haga grat tliet (3) darbiet u li l-incident meta kienet qieghda tigbor il-bajd tat-tigieg kien l-ewwel (1) darba. Tghid ukoll li t-tieni darba li gara reat simili kien fuq is-sufan gewwa r-residenza ta-Omissis-. Tixhed ukoll li s-sufan jinstab fil-kamra tas-salott li taghmel anke parti mill-kamra tal-kcina. Izzid tghid li l-akkuzat kien mimdud la genba fuq is-sufan u hu kien sejhilha biex tpoggi hdejh. Tkompli tghid li hi marret tpoggi hdejh mimduda u la genba bhalu minghajr ma jharsu lejn xulxin. Tippreciza li ma tiftakarx jekk kienx hemm xi haddiehor gewwa d-dar. Tkompli tixhed li l-akkuzat beda jaghmel l-istess tip ta' mossi u regghet bdiet thossha skomda u minghajr ma qaltlu xejn qamet u marret tpoggi mal-mejda tal-kcina. Ma tiftakarx kemm kien ghadda zmien bejn l-ewwel incident u t-tieni wiehed.

Tixhed ukoll li t-tielet incident sehh fil-kamra tas-sodda go l-istess residenza meta kienet marret torqod ghand nannitha. Tispjega li fil-kamra ma kellhiex sinjal b'sahhtu tal-internet u

ghalhekk talbet l-ghajnuna. Tghid li l-akkuzat dahal fil-kamra tas-sodda u qaghad jirrangalha l-mobile fl-istess pozizzjoni meta kienu fuq is-sufan. Tghid li hi kienet mimduda wkoll fuq is-sodda u la genba. Tixhed ukoll li l-akkuzat rega' beda jaghmel l-istess mossi. Din id-darba tghid li meta rega' ta l-mobile lura telaq minn jeddu. Tghid li rigward dawn l-avvenimenti hi qalet lil ommha u missierha l-ewwel u minn hemm bdiet tmur ghand psikologa sabiex thossha ahjar. Tixhed li ghand il-psikologa kienet tpengi u taghmel xi attivitajiet. Tghid li wara xi zmien tattendi l-appuntamenti bdiet thossha ahjar u ghalhekk waqfet milli tattendi u regghet bdiet tmur ghand in-nanna.

Izzid tghid li wara ammont ta' zmien gie jkellimha xi hadd gewwa l-iskola mill-Agenzija Appogg rigward l-allegati reati u hi qaltilhom dak li tiftakar. Tghid li wara ammont ta' zmien iehor kienet tkellmet mal-Ispettur. Tixhed li wara dak kollu s-sitwazzjoni hi ma nbidlitx u li llum il-gurnata tinsab tajba. Izzid tghid li jekk tinsab go kamra mal-akkuzat ma tkunx imdejqa u li ma jergax jaghmel dak li allegatament ghamel u dan ghaliex ommha u missierha mhumiex ser ihalluha wahedha mieghu.

Inkontroezami tghid li l-mezzi socjali mhumiex importanti ghaliha izda ghandha TikTok u Instagram u li tqatta' l-hin fuqhom. Tghid ukoll li gieli ttella' filmati taghha fuq dawn il-mezzi socjali. Izzid tghid li meta kienet qalet lil ommha u missierha dwar dawn l-incidenti mal-akkuzat huma emmnuha u li kienu saqsewha dwar kif graw dawn ir-reati. Tghid li kienet marret ghand in-nanna f'Jum l-Omm tas-sena 2020 u baqghet tmur hemmhekk anke wara dik il-gurnata. Tippreciza li qabel ma gie arrestat l-akkuzat kienu marru ghand id-dar tan-nanna fil-grizma tat-tifel tal-akkuzat u cioè -Omissis-. Tixhed ukoll li d-dar hija wahda kbira f'qalb l-ghelieqi u li fiha tlett (3) ikmamar tas-sodda u li tinfed ma' ghalqa fejn izommu l-annimali fosthom tigieg. Tippreciza li l-gallinar tat-tigieg fiha zewgt (2) ikmamar u li l-ewwel darba li sehh l-allegat reat kien fit-tieni (2) wahda u cioè l-kbira. Tippreciza wkoll li hi ma gietx imrassa mal-hajt u li l-akkuzat ma messhiex b'idejh izda biss bil-parti privata tieghu.

Inkontroezami tghid  illi fl-ewwel avveniment li sehh l-allegat reat kienet wahedha fil-gallinar flimkien mal-akkuzat; meta sehh l-incident fuq is-sufan god-dar kien hemm in-nanna, -Omissis- u -Omissis-; filwaqt li fl-incident li sehh fuq is-sodda kien hemm -

Omissis- rieqda fuq is-sodda l-ohra. Tghid li hi qatt ma bkiet minhabba l-akkuzat. Tghid li l-ahhar li kellmet lill-akkuzat kien fil-festa tal-Grizma tal-Isqof ta' -Omissis- u kien hemm prezenti n-nanna, hu -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-. Tghid ukoll li l-akkuzat kien ghenha ggorr l-ghamara sabiex tidhol go residenza gdida gewwa l-Belt Valletta. Tghid ukoll li qatt ma baghtet messaggi lill-akkuzat tramite Facebook. Tikkonferma li kienet ommha li kkomunikat mal-Agenzija Appogg. Tixhed ukoll li l-unika darba li ssemma l-akkuzat mal-psikologa kienet fl-ewwel laqgha li sehhet flimkien ma' ommha. Izzid tghid li la hi u lanqas ommha u missierha ma jixtiequ li l-akkuzat jispicca fil-habs u li xtaqet li dawn il-proceduri jintemmu. Tippreciza li z-zmien li sehh it-tielet (3) incident kien zmien is-sajf. Tippreciza wkoll li meta sehh it-tieni (2) incident fuq is-sufan kien fi zmien ix-xitwa. Tghid ukoll li hi ma tafx l-anatomija ta' gisem ta' ragel u qatt ma rat parti privata ta' ragel.

Illi xehdet **-Omissis-** li hija omm il-vittma minuri. Tghid li f'April tas-sena 2020 it-tifla kienet kellmitha rigward l-allegat reati u ghalhekk ikkomunikat mal-Agenzija Appogg. Tkompli tixhed li t-tifla qaltilha li waqt li marret tigbor il-bajd mill-gallinar tat-tigieg,

l-akkuzat -Omissis- hakk il-parti tieghu maghha. Izzid tghid li t-tifla qaltilha b'mument iehor fejn l-akkuzat mar bilqieghda hdejha fuq is-sodda sabiex iqabbad il-konnessjoni tal-internet mal-mobile tal-istess vittma minuri u kienet hasset saqajn l-akkuzat maghha. Tixhed ukoll li avveniment iehor li sehh kien li darba minnhom it-tifla kienet fuq is-sufan meta regghet hasset kuxxtejn l-akkuzat maghha. Tippreciza li dawn l-avvenimenti sehhew xi zmien qabel ma t-tifla stqarret dan kollu maghha.

Tixhed li l-kuntatt mal-Agenzija Appogg sehh l-ghada li kellmet lil bintha u giet infurmata li minhabba l-COVID kellha bzonn tistenna sakemm tittiehed xi azzjoni. Tixhed ukoll li bdiet anke tattendi laqghat ma' psikologa u cioè certu Shirley. Izzid tghid li l-akkuzat jigi s-sieheb ta' ommha u cioè l-missier tar-rispett taghha. Tghid li l-akkuzat jghix gewwa -Omissis- flimkien ma' ommha u li qabel dawn l-episodji li ddeskriviet it-tifla kienet tmur hafna drabi sar-residenza fejn kienu joqghodu. Tghid li wara li saret taf b'dawn l-episodji bintha wriet ix-xewqa li terga' tmur izzur lil nannitha u lill-akkuzat u ghalhekk bil-parir tal-psikologa regghu bdew izuru lill-akkuzat. Matul dawn iz-zjarat tixhed li hi

kienet toqghod ghassa ghal dak li seta' jaghmel l-akkuzat ma' bintha.

Tixhed ukoll li ghaddiet sena meta l-Agenzija Appogg regghu kkuntattjawha rigward dan l-incident. Tghid li qalulha li marru l-iskola biex ikellmu lill-vittma minuri u nfurmawha sabiex tigbor lill-istess -Omissis- mill-iskola. Tixhed li ghaliha stante li ghadda z-zmien u li ma sehh xejn iktar il-kaz kien inghalaq u li ma riditx li s-sitwazzjoni tasal sal-punt li jinbdew proceduri kriminali gewwa l-Qorti. Tghid li min-naha tal-Agenzija Appogg hadd ma qalilha xejn a rigward il-procedura ta' kif rapport bhal dan jitmexxa.

Izzid tghid li hija tal-opinjoni li t-tifla interpretat l-istorja kif riedet hi u cioè b'mod hazin. Di fatti tghid li hi tahfer lill-akkuzat stante li ma temminx il-verzjoni ta' bintha. Tixhed ukoll li l-akkuzat kellu cans kemm-il darba biex jabbuza minn bintha izda hi tammetti li bintha ghandha habta tharref. Di più tghid li t-tifla qatt ma qaltilha li l-akkuzat kien jheddidha jew ikellimha b'mod li jkun qieghed jinsinwa xi haga sesswali. Tkompli tghid li l-akkuzat kien anke rabba lilha u hi qatt ma rat xejn hazin da parti tieghu.

Inkontroezami tghid li bintha kienet tidhol god-dar tal-akkuzat b'mod normali b'dana li kienet tilghab u tiekol b'mod normali. Izzid tghid li qatt ma kienet tkun vizibilment skomda bl-idea li sejra s'ghand nannitha u l-akkuzat. Tixhed ukoll li l-akkuzat qatt ma kien ifittex opportunità li jkun wahdu ma' bintha. Tikkonferma li hi pprovat twaqqaf dawn il-proceduri darbtejn. Tghid li dak iz-zmien li allegatament sehhew ir-reati l-vittma minuri kienet imdejqa u ma kinitx tkun trid torqod wahedha minkejja li dan l-ahhar punt kienet xi haga prevalenti tul hajjitha kollha. Tixhed li kienet marret ghand il-psikologa flimkien mat-tifla u li ommha kienet marret maghha ghall-ahhar appuntament. Tghid ukoll li bintha qatt ma semmiet l-istorja mal-psikologa u lanqas ismijiet.

Illi xehdet **<u>Shirley Galea</u>** li hija psikoterapista u ilha tahdem fil-privat ghal madwar tmien (8) snin filwaqt li ilha fis-settur tal-edukazzjoni ghal madwar ghoxrin (20) sena. Tixhed li l-vittma minuri -Omissis- kienet klijenta taghha u li bdiet issegwiha f'April tas-sena 2020. Tghid li l-vittma minuri kellha disa' (9) snin meta bdiet tiltaqa' maghha. Tghid ukoll li omm il-vittma minuri kienet gabitha s'ghandha stante li t-tifla kienet irrakkontat avveniment li meta marret ghand in-nanna l-akkuzat (li jigi s-sieheb tan-nanna)

kien mess il-parti privata tieghu mal-parti privata taghha minn fuq il-hwejjeg. Izzid tghid li skont l-omm din il-haga saret tliet (3) darbiet. Tghid li hi kellha sitt (6) appuntamenti mal-vittma minuri u li l-ahhar appuntament kien wiehed ta' feedback mal-omm u man-nanna.

Tkompli tghid li matul dawn l-appuntamenti t-tifla qatt ma ssemmiet l-incident li kienet qalet lil ommha izda kienet tkellimha dwar ommha, missierha, il-hbieb taghha, u fuqha nnifisha. Tippreciza li matul l-appuntamenti hi ma ratx bidla fit-tifla u li kienet waqfet tiltaqa' maghha stante li kienet decizjoni tal-klijenta. Izzid tghid li t-tifla dejjem kienet konsistenti f'dak li tghid.

Inkontroezami tghid li bhala kwalifici hi ghandha B. Psych (Honours), PGCE u Masters fil-Psychotherapy. Tghid li hi ma ssegwix il-linji gwidi ta' terapija mat-tfal skont dak ippubblikat mill-Istitut Amerikan jew Ingliz izda skont x'kienet ipprattikat fil-kors taghha. Tikkonferma li hi ma taghmilx personality testing stante li dan ma jsirx fix-xoghol ta' psikoterapija. Tghid li hi ppruvat kemm-il darba saqsiet lill-vittma minuri rigward l-allegat reat u dan tramite certu attivitaijiet fosthom tpingijiet tal-familja

taghha. Izda kull darba li saqsiet jekk kienx hemm xi hadd li jbezzaghha hi tichad dan.

Illi xehed **-Omissis-** li huwa missier il-vittma minuri. Jghid li t-tifla -Omissis- qalet lil ommha dwar incident li sehh mal-akkuzat -Omissis- fejn l-istess akkuzat allegatament mess il-parti privata tieghu ma' taghha. Jghid li t-tifla qaltlu li l-ewwel darba li grat l-akkuzat kien fuq is-sufan meta ghajtilha biex tmur hdejh u kien hemmhekk li mess il-parti taghha u kienet hi li qaltlu biex jieqaf. Jixhed li t-tieni darba li gara haga simili kien meta l-vittma minuri xtaqet ghajnuna rigward problemi li kienet qieghda jkollha mal-internet u biex jghinha l-akkuzat dahal fis-sodda hdejha. Jixhed li t-tielet incident kien meta tbaxxa biex jigbor il-bajd tat-tigieg l-akkuzat hakk maghha. Izid jghid li eventwalment ikkomunikaw mal-Agenzija Appogg izda minhabba l-pandemija tal-COVID kellhom jirrikorru ghal psikoterapista u wara ammont ta' appuntamenti l-affari ntemmet hemm. Ikompli jixhed li t-tifla hija kwieta hafna u li ssegwi hafna apps bhal YouTube u TikTok.

Inkontroezami jghid li hu jahdem bhala Maintenance mal-Gvern u jahdem tnax (12)-il siegha bid-day-in-day-out. Jixhed li jista' jkun li dak iz-zmien bintu riedet naqra iktar attenzjoni.

Illi xehdet **<u>Gail Kinmont</u>** li hija haddiema socjali fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal. Tikkonferma li r-rapport immarkat bhala Dok. GK1 gie maghmul minnha stess. Tixhed li fir-rapport hemm indikat li d-dipartiment taghha rcevew rapport fejn il-vittma minuri espremiet biza' li tiffrekwenta r-residenza tan-nanna materna. Tghid li l-parte civile tkellmet dwar allegat abbuz sesswali li sar da parti tal-akkuzat -Omissis-. Tixhed ukoll li fid-dsatax (19) ta' April 2020 hi marret tiltaqa' mal-vittma minuri fl-iskola taghha sabiex jitkellmu. Izzid tghid li t-tifla rrakkontatilha zewg (2) incidenti. Tkompli tghid li hi u titkellem maghha l-vittma minuri kienet emozzjonali hafna u li ma setghetx tiftakar jekk kienx hemm iktar incidenti.

Tkompli tghid li l-parte civile qaltilha li l-ewwel incident kien meta l-akkuzat xtaq juri lill-parte civile xi bajd tat-tigieg gewwa l-gallinar li hemm fir-residenza tieghu. Tghid li l-akkuzat qal lil -Omissis- sabiex toqghod bilwieqfa wiccha lejn il-hajt meta l-istess

-Omissis- hasset il-parti tal-akkuzat fuq il-warrani taghha b'dana li kien qieghed jaghmel movimenti quddiem u lura. Tghid li l-parte civile u l-akkuzat kienu lebsin il-hwejjeg u li l-istess parte civile rnexxielha tahrab billi tbaxxiet u telqet. Episodju iehor li stqarret maghha l-parte civile kien meta kienet mimduda fuq is-sufan u l-akkuzat mar warajha u rega' beda jhokk il-parti tieghu mal-warrani taghha. Tixhed li r-rapport sehh fil-hamsa (5) ta' Mejju 2021 mentri r-rapport dahal fid-disgha (9) ta' April 2020.

Inkontroezami tghid li l-laqgha mal-parte civile damet madwar siegha u li saret gol-klassi tal-iskola tal-primarja tal-Belt. Tkompli tixhed li ghal din il-laqgha kien hemm ukoll il-kollega taghha u cioè certu -Omissis-. Tixhed bhala policy meta jkun hemm kazijiet simili u iktar u iktar meta hemm tfal ohra l-kaz jigi diskuss u sabiex jigi evitat kwalunkwe riskju d-dipartiment jirrikorri ghall-ghajnuna tal-pulizija. Tghid ukoll li f'din is-siegha hi strahet fuq l-allegazzjonijiet tal-vittma minuri. Tikkonferma li hi ghaddiet dan ir-rapport lill-Vice Squad sabiex jinvestigaw huma. Tixhed li l-laqgha li wettqet mat-tifla sehhet wara li talbuha minghand is-Surmast tal-iskola. Izzid tghid li r-rapport dahal minghand l-omm

tat-tifla. Tghid ukoll li a rigward il-prioritá ta' kull kaz li jidhol ikun hemm xi hadd inkarigat apposta ghaliha.

Tkompli tghid inkontroezami li hi qatt ma kellmet lill-akkuzat u li gabret feedback dwar il-familja minghand is-Surmast tal-iskola. Tixhed li fil-fatt qatt ma kien hemm inkwiet. Tghid li rigward il-possibbiltà li hemm backlog ta' rapporti minhabba l-COVID hi ma tkunx taf stante li ma tihux hsieb il-waiting list izda tikkonferma li l-workload taghha hu pjuttost voluminuz. Tghid li jkun hemm certu rapporti li jinvestigaw iktar fid-dettall u li dawk ir-rapporti jkunu jirrigwardaw kazijiet li mhumiex ta' abbuz sesswali. Tghid ukoll li meta jkunu kazijiet ta' abbuz sesswali jew ta' swat makabru r-rapport jintbaghat lill-Pulizija. Tippreciza li sabiex tmur fuq il-post fejn sehh l-allegat reat dik id-decizjoni ma tkunx taghha izda tas-superjuri taghha.

Illi xehdet <u>**PS 2330 Joanne Sammut**</u> li tghid li kienet inghatat struzzjonijiet mill-Ispettur Joseph Busuttil fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena 2020 sabiex issir tfittxija fil-vettura tal-akkuzat -Omissis-. Tghid li din it-tfittxija kienet rigward kull apparat elettroniku li kellu fil-pussess tieghu l-istess akkuzat. Izzid tghid

li l-akkuzat ikkopera magħha u kien anke wrieha fejn ipparkja l-vettura tiegħu u cioè fil-ground tal--Omissis-. Tixhed li l-vettura kienet -Omissis- ta' lewn -Omissis- bin-numru -Omissis-. Tali tfittxija rrizultat fin-negattiv u kellu jkun l-akkuzat li infurmaha li l-uniku apparat fil-pussess tiegħu kien mobile li digà kien ingabar tul l-investigazzjonijiet. Tgħid li l-akkuzat stqarr magħha li hu ma jafx juza dan l-istess mobile izda juzah biss biex icempel jew jircievi messaggi. Tgħid li dan kollu kien gara wara l-istqarrija tiegħu. Izzid tgħid li l-akkuzat qalilha li l-mobile kien ilu għandu sentejn (2) u li tali tfittxija sehhet lejliet li tressaq il-Qorti taht arrest.

Illi xehed <u>PC 1425 Adrian Ciappara</u> li jgħid li hu kien prezenti għall-istqarrija tal-akkuzat u li miegħu kien hemm prezenti l-Ispettur Joseph Busuttil u l-Avukat Dr Matthew Xuereb jassisti lill-istess akkuzat. Jgħid li wara din l-istqarrija kien ingħata struzzjonijiet mill-Ispettur Busuttil sabiex iwettaq tfittxija fil-vettura tal-akkuzat li kienet ipparkjata fil-parkegg tal--Omissis-. Jixhed li tali tfittxija rrizultat fin-negattiv u kien wara li l-akkuzat stqarr li hu għandu mobile li juzah biex jircievi telefonati fuqu u jcempel ukoll. Jikkonferma l-istqarrija a fol. 20 tal-atti processwali kif ukoll

jikkonferma l-firem tieghu, tas-Surgent 2330 Joanna Sammut u l-akkuzat fuq ircevuta meta ttiehdet il-mobile tieghu.

Inkontroezami jikkonferma li kien prezenti ghall-istqarrija kif ukoll ghat-tfittxija. Ma jafx jekk kienx hemm xi hadd li nizel ikellem lill-akkuzat gewwa l-lock up. Jghid li l-akkuzat stqarr mieghu li l-mobile kien ilu ghandu madwar sentejn u mhux jumejn.

Illi xehdet <u>**l-Ispettur Dorianne Tabone**</u> li pprezentat ircevuta tal-apparat li ttiehed fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2020 gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija gewwa l-Furjana u cioè mobile tal-ghamla Samsung.

Illi xehdet <u>**Katya Vassallo**</u> li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat immarkat bhala Dok. KV1.

Illi xehdet <u>**-Omissis-**</u> li tghid li hija Surmast fl-iskola -Omissis- Primary School. Tixhed li fis-sena 2020 kienet irceviet komunika mic-Child Protection li qalulha li kienu nkwetati fuq il-vittma minuri. Tghid li l-parte civile ghandha l-isem ta' -Omissis- u li dak iz-zmien kienet fil-klassi tas-sitt (6) sena. Tghid li hi stqarret mac-

Child Protection li l-vittma minuri kienet tifla kwieta u ezemplari u dan anke skont l-ghalliema tal-klassi. Tixhed li din il-komunikazzjoni saret tramite emails liema emails gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok. VS1.

Inkontroezami tixhed li meta dahlet din il-komunikazzjoni giet segwita l-prassi normali u cioè li l-guidance teacher kienet iltaqghet ma' -Omissis- cioè certu Jennifer Zammit Suban kif ukoll Michelle Debono li tiehu hsieb ic-Child Safety Services. Tishaq mill-gdid li ma kien hemm xejn li jindika li l-parte civile kienet taht xi tip ta' stress.

Illi xehed **Keith Cutajar** li jghid li fid-disgha (9) ta' Settembru 2021 kien inghata inkarigu sabiex jezamina mobile mmarkat bhala Dok. JB7 li huwa tal-ghamla Samsung SMA 1255 ta' lewn iswed. Jixhed li l-analizi sar b'success fuq SD Card u Sim Card tal-istess mobile. Tali analizi sar bl-uzu tal-ghodda Cell Bright. Dan l-analizi gie redatt f'rapport li gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. KC1.

Illi xehed **Ilian Seychell** inrapprezentanza tac-Child Protection Services li jghid li kien akkumpanja lill-kollega Gail Kilmont li hija

haddiema socjali meta ghamlu zjara gewwa l-Iskola Primarja ta' San Gorg Preca gewwa l-Belt Valletta fid-dsatax (19) ta' April 2021. Ikompi jghid li dak iz-zmien kien ghadu fir-raba' (4) sena tieghu bhala student gewwa l-Università ta' Malta. Jixhed li huma kellmu lill-parte civile -Omissis- u ppruvaw jiskopru l-passatempi taghha. Jghid li fosthom kienet thobb thallat il-hall mal-baking soda u tqatta' l-hin liberu ma' nannitha. Jixhed li meta giet biex titkellem dwar l-akkuzat -Omissis- sabitha difficli izda eventwalment fethet qalbha dwar l-allegat reat li sehh fil-gallinar tat-tigieg.

Ikompli jghid li l-vittma minuri stqarret mieghu li meta ried juriha l-bajd tat-tigieg hu baghatha fir-rokna tal-gallinar thares lejn il-hajt meta mbaghad mar warajha u hakkha bil-parti privata tieghu. Jghid li hi qaltlu li kienu libsin il-hwejjeg tul dan l-incident u li eventwalment nizlet kokka biex tahrab lura lejn id-dar. Jghid li t-tifla rrakkontat incident iehor fejn l-akkuzat kien mimdud la genba fuq is-sufan u hi kienet fl-istess pozizzjoni quddiemu u ghal darb'ohra hasset il-parti privata tieghu mal-warrani taghha. Jixhed ukoll li tul din id-diskursata l-vittma minuri kienet emozzjonata hafna.

Inkontroezami jikkonferma li hi ddeskriviet dak li hasset u mhux dak li rat b'referenza ghall-parti privata tal-akkuzat.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li l-akkuzat huwa s-sieheb taghha u dan ghal madwar sbatax (17)-il sena. Izzid tghid li l-parte civile -Omissis- tigi bint it-tifla taghha u cioè n-neputija naturali taghha. Tghid li taf biex gie akkuzat -Omissis- u li hi qatt ma rajt xejn jigri god-dar.

Inkontroezami tghid li l-akkuzat huwa ragel tal-familja u li dejjem ha hsieb it-tlett (3) itfal li kellha miz-zwieg ta' qabel kif ukoll iz-zewgt (2) itfal li kellhom bejniethom. Tixhed li hadd mit-tfal ma kienu qalulha xi haga negattiva fil-konfront tieghu. Izzid tghid li l-akkuzat ghallimhom diversi valuri ghal hajja. Tixhed li -Omissis-qatt ma kienet tibki meta tigi s'ghandha fid-dar u qatt ma wriet li kienet qieghda tibza' mill-akkuzat. Izzid tghid li minn mindu sar l-allegat reat sakemm tressaq il-Qorti, it-tifla baqghet izzur ir-residenza taghha. Tkompli tixhed li l-vittma minuri turi li tkun trid l-attenzjoni fuqha u tghid li jekk perezempju tqabbad it-tifla taghha biex tghinha f'xi haga, il-vittma minuri tkun trid taghmilha hi.

Tkompli tixhed li din il-fissazzjoni li tfittex l-attenzjoni jista' jkun kawza tal-fatt li l-genituri taghhom ma jaghtuhiex bizzejjed attenzjoni stante li t-tnejn li huma jahdmu. Tixhed li fil-fatt it-tifla kienet tqatta' hafna hin wahedha d-dar. Izzid tghid li hi marret ghand il-psikologa mat-tifla taghha u cioè omm il-vittma minuri. Tixhed li din l-istess psikologa kienet saqsietha dwar l-akkuzat minkejja li -Omissis- qatt ma semmiet lill-akkuzat fl-appuntamenti li kien ikollha maghha. Izzid tghid li t-tifla fiz-zmien bejn li sehhet din l-allegazzjoni u waqt il-proceduri ta' din il-kawza kienet dejjem tfittex il-kumpanija tal-akkuzat. Tghid ukoll li -Omissis- hija tifla li hija matura ghall-età taghha.

Illi xehed <u>**l-akkuzat -Omissis-**</u> li jghid li huwa sewwieq ta' mini-bus u ilu f'dan ix-xoghol ghal madwar sebgha u ghoxrin (27) sena. Jghid li bhala etajiet ta' nies li jirkbu fuq il-vann tieghu jvarjaw bejn tliet (3) snin sa adulti u li qatt ma kellu xi tilwima la mal-Pulizija u lanqas mal-iskejjel. Izid jghid li f'xoghlu l-hinijiet ta' meta jopera mhuwiex stabbli stante li jkun hemm granet fejn jibda fil-hamsa ta' filghodu u jispicca f'xi l-ghaxra ta' filghaxija. Ikompli jghid li hu jiehu hsieb tliet (3) skejjel filghodu u tlieta (3) wara nofsinhar u allura ma' kull vjagg ikollu tmintax (18)-il tifel u tifla. Ikompli jghid

li hu mizzewweg u ghandu zewgt itfal u cioè -Omissis- u -Omissis-. Jixhed li mat-tfal tieghu qatt ma kellu problemi.

Ikompli jghid li l-eks ragel ta' martu -Omissis- jista' jigi kklassifikat bhala l-ghadu tieghu. Izid jghid li l-vittma minuri tmur tarah hafna stante li huwa n-nannu naturali taghha. Jghid li rigward jekk kienx ikun wahdu mat-tifla -Omissis- hu jghid li meta kienet tigi ghandu dejjem kien ikun hemm il-familja kollha. Jghid li qabel ma' saru dawn l-allegazzjonijiet mill-parte civile qatt ma kellu nkwiet ma' martu -Omissis-. Jixhed li l-eks ragel ta' martu jghir ghalih stante li kien hu li rabba' t-tfal tieghu minn mindu kienu zghar. Jghid li kien joqghod iggelled it-tfal mieghu stante li ma kienx il-missier naturali taghhom. Izid jghid li l-eks ragel kien tkecca mid-dar minhabba l-fatt li kien isawwat lil -Omissis-. Jghid li omm -Omissis- baqghet tirrispettah anke wara li saru dawn l-allegazzjonijiet.

Ikompli jixhed li hu jhoss li l-vittma minuri ma kellhiex imhabba min-naha tal-genituri taghha stante li kull darba li kienet tigi d-dar tieghu u toqghod fil-kamra tas-salott flimkien mat-tfal tieghu kienet tfittxu sabiex ifissidha. Jghid li l-vittma minuri ma tibzax

minnu. Jixhed li rigward l-incident li sehh fil-gallinar kienet hi li riedet tmur mieghu tigbor il-bajd tat-tigieg. Jghid li f'hin minnhom xtaqet tigbor xi bajd li kienu wisq fl-gholi ghaliha u ghalhekk u mar u gabarha minn qaddha u refaghha. Izid jghid li dan sehh meta kellha disa' (9) snin u li wara dan l-avveniment it-tifla ma bkietx izda kienet ferhana li gabret disa' (9) bajdiet. Jippreciza li l-gallinar mhuwiex 'il boghod mid-dar u fil-fatt qieghed gol-gnien tad-dar stess. Jixhed ukoll li meta dahlu lura d-dar kien hemm martu, iz-zewgt (2) itfal tieghu kif ukoll il-genituri tal-vittma minuri u kollox baqa' ghaddej normali minghajr incidenti ta' xejn. Ikompli jixhed li rigward l-incident li allegatament sehh fil-kamra tas-sodda, il-vittma minuri kienet qieghda fil-kamra tas-sodda ta' bintu -Omissis- li wkoll kienet prezenti. Jghid li -Omissis- riedet li tqabbad il-mobile taghha mal-internet u ghajtitlu sabiex jipprova jghinha. Jixhed li hu tela' hdejn il-kamra tas-sodda izda stqarr maghha li hu ma jafx ihaddem l-internet u kellha tkun -Omissis- li ghenitha b'din il-bicca xoghol.

Inkontroezami jghid li l-eks ragel ta' martu kien jghid kontrih mat-tfal u li ghalhekk huwa l-ghadu tieghu. Izid jghid li jaf bic-cert li dan l-istess eks ragel kien qattaghlu r-roti tal-vann izda però

m'ghamilx rapport f'dan is-sens. Mistoqsi ghalfejn qatt ma semma xejn dwar dan u dwar kif kien refa' lit-tifla fil-gallinar fl-istqarrija tieghu hu jghid li kien ghadu mahsud b'dawn l-allegazzjonijiet. B'referenza ghar-ritratti li gew esebiti bhala Dok. EG1 hu jghid li huma kopji mehudin minn fuq Facebook u li nizzilhom bl-ghajnuna ta' bintu -Omissis-. Jghid li rigward l-incident tas-sufan hu kien flimkien ma' omm -Omissis- u t-tfal tieghu. Jippreciza li l-parte civile flimkien ma' ommha u missierha kienu jigu jieklu ghandu kull nhar ta' Hadd u wara kienu jintefghu fuq is-sufan jaraw it-television.

Illi regghet xehdet **<u>-Omissis-</u>** riprodotta mid-difiza li tghid li meta kienu ser jippreparaw biex imorru fir-residenza tal-akkuzat u ta' nannitha kienet il-vittma minuri li gietha l-idea li ssajjar kejk u li kienet hi li riedet tmur god-dar tan-nanna. Tkompli tixhed li minn dakinhar sal-lum -Omissis- m'ghadhiex tifla izda saret tfajla fuq taghha u tghix hajja normali. Tixhed li hi qatt ma saqsietha ghalfejn il-vittma minuri ghamlet dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-akkuzat. Izzid tghid li hi u t-tifla taghha ghandhom relazzjoni tajba hafna ma' xulxin tant li l-vittma minuri tiftah qalbha maghha fuq

affarijiet sbieh kif ukoll koroh izda dwar dan il-kaz it-tifla qatt ma lissnet xejn.

Inkontroezami tixhed li hi hadet lill-vittma minuri -Omissis- ghand psikologa (u cioè certu Ashley) stante li hasset li bintha qieghda tigdeb dwar dan kollu li gara.

Illi xehdet **-Omissis-** permezz ta' video link u li hija t-tifla tal-akkuzat -Omissis-. Tghid li hi ilha tghix mieghu minn mindu twieldet u li qatt ma kien hemm mument li hu kien dejjaqha bil-komportament tieghu. Tghid li ghal dak li jirrigwarda l-livell tal-edukazzjoni tieghu hi jkollha taqra l-messaggi li jircievi. Di fatti tikkonferma li l-akkuzat ma jafx jaqra. Tghid li ghal dak li ghandu x'jaqsam is-servizzi u l-uzu tal-internet u kwalunkwe tip ta' teknologija hi tiehu hsieb ta' dawn. Tippreciza li jezisti password tal-internet u li hi tafu biss.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-

ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla) (Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda*

*dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx provi tangibbli u konkreti li l-imputat odjern jista' jigi misjub hati bir-reati addebitati lilu u f'kaz ta' dubju ragjonevoli l-Qorti ghandha tillibera.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha 'l quddiem f'din is-sentenza tezamina xi provi cirkostanzjali ngabu tul dawn il-proceduri sabiex tara jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi dwar dan il-punt, il-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

> *"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna,*

*jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din*

*hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di più mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx*

*wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

## IKKUNSIDRAT

Illi l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tahtu l-imputat jinstab akkuzat jistipula hekk:

*"Kull min jinsab hati ta' att ta' natura sesswali minghajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jehel il-piena ta' prigunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh kompletament fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija

mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici** datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony ....* ***Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness****.*

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the*

*temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

[1] Emfazi tal-Qorti

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet inkonsistenti u dan kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

Illi l-vittma minuri xehdet fid-dettall dwar it-tliet (3) allegati incidenti fis-seduta datata disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2021. Spjegat ferm bic-car li f'kull incident l-akkuzat kien dejjem hakk il-parti privata tieghu mal-warrani taghha.

Illi hawnhekk jinghad li l-parte civile kienet qieghda taghti l-impressjoni li kienet taf perfettament x'kien qieghed jigri izda però attenzjoni qieghda tingibed ghal parti tax-xhieda a fol. 68 u 69 tal-atti processwali:

*"Qorti:* *Inti certu affarijiet ta' natura sesswali tafhom?*

*Xhud:* *Le*

*Qorti:* *Le. Igifieri intom ghadkom ma spjegawlkhomx l-anatomija tar-ragel?*

*Xhud:* *Le.*

*Qorti:* *Private part tar-ragel?*

*Xhud:* *Nahseb dik fil-Form 1 jispjegawilna.*

*Qorti:* *Gifieri ghadek ma wasaltx hemm?*

*Xhud:* *Le*

*…*

*Qorti:* *Inti qatt rajt xi parti tal-gisem ta' ragel jew xi hadd ghamillek l-istess bhal ma ghamillek -Omissis-?*

*Xhud:* *Le."*

Illi din il-kontradizzjoni moghtija mill-minuri fl-istess xhieda mill-ewwel tixhet dubju fuq il-kredibiltà u l-veracità ta' dak li gie allegat mill-istess -Omissis-. Il-Qorti tistaqsi kif jista' jkun li t-tifla kienet taf perfettament x'kien qed jigri minghajr ma harset li l-akkuzat kien qieghed ihokk specifikament il-parti privata tieghu mal-warrani taghha. Attenzjoni partikolari qed tinghata wkoll ghall-fatt li l-vittma minuri hija ferm iktar qasira mill-akkuzat b'dana li jkun fizikament impossibbli sabiex l-istess akkuzat ikun jista' jikkommetti l-allegata azzjoni fuq l-istess minghajr ma jitbaxxa li f'dak il-kaz ma kienx ikun possibbli li jsir dak li qalet il-minuri.

Illi inkonsistenza ohra li harget fix-xhieda ta' -Omissis- hija l-fatt li minkejja dawn l-ilmenti, hi xorta wahda hassitha komda li

tkompli zzur lill-akkuzat fir-residenza tieghu wara li sehh l-allegat reat kif ukoll wara li attendiet ghall-appuntamenti mal-psikoterapista:

> *"Qorti:* *Ghallura hallejt dil-haga ittaqlek ghal hafna zmien hux hekk?*
>
> *Xhud:* *Ija. U mbaghad haditni hemmhekk ghand dik u bdejna noqghodu hemmhekk, konna mmorru, bdejt inhossni ahjjar u ghallura imbaghad konna waqqafna morna ghax bdejt inhossni ahjar u imbaghad bdejna mmorru ghand in-nanna u hekk.*
>
> *Qorti:* *Bdejtu tmorru ghand in-nanna tergghu?*
>
> *Xhud:* *Ija. U imbaghad insomma..."*

Illi l-genituri tal-istess vittma minuri jixhtu dawl fuq kemm hija kredibbli t-tifla taghhom. Referenza qieghda ssir ghal dak li qalet l-omm -Omissis- fix-xhieda taghha datata hamsa (5) ta' Frar tas-sena 2024:

*"Pros:* *Jigifieri qed nifhem sew illi min-naha tieghek kienet illi inti ridt ghalkemm m'emmintiex ridt tiehodha ghand il-Psychologist?*

*Xhud:* *Ija, mela."*

Illi fatt iehor li iktar u iktar iggieghel din il-Qorti sabiex tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tigbor il-provi necessarji ghal kundanna huwa li r-rapport maghmul mill-omm lill-Agenzija Appogg dam sena shiha sabiex fl-ahhar jittiehed xi tip ta' azzjoni dwaru. Illi l-Qorti tinsab ferm dizappuntata li kaz bhal dan ma ttihditx azzjoni immedjatament u theggeg lill-istess Agenzija sabiex f'kazijiet futuri ma jkunx hemm l-istess tip ta' dewmien u dan sabiex anke l-Pulizija tkun tista' tigbor il-provi necessarji u tersaq vicin il-verità minghajr dewmien inutili.

Illi referenza qieghda ssir ukoll ghax-xhieda moghtija mill-psikologa Shirley Galea li qalet li matul l-appuntamenti li kellha mal-vittma minuri l-istess -Omissis- fl-ebda mument ma semmiet lill-akkuzat u lanqas l-incidenti li allegatament sehhew. Referenza qieghda ssir a fol. 88 tal-atti processwali:

*"Difiza: U f' dawn is-sitt sighat it-tifla dejjem baqghet tirrakkonta tliet istanzi?*

*Xhud: Tliet?*

*Difiza: Tliet istanzi ta' abbuz?*

*Xhud: Le le, hi qatt ma semmiet abbuz.*

*…*

*Difiza: U qatt ma semmietlek is-Sinjur ukoll?*

*Xhud: Le qatt ma semmiet xejn."*

Ghalhekk il-Qorti qieghda tiddikjara li l-unika prova krucjali fil-kaz *de quo* u cioè l-verzjoni tal-minuri m'ghandhiex mis-sewwa u dan anke tenut kont tax-xhieda moghtija mill-imputat stess li ghalkemm kien più o meno skjett ghal certu domandi kien kapaci joffri spjegazzjoni aktar realistika ghal dak li gara fil-gallinar tat-tigieg. Referenza qieghda ssir a fol. 252 tal-atti processwali:

*Xhud: Jien ghandi gallinar mimli bi tigieg, tal-bajd u tigieg mhalltin insomma u xi l-Erbgha jien dejjem nghid inkunu qieghdin id-dar il-Hadd specjalment few fost il-Gimgha nghid ha mmur*

| | |
|---|---|
| | *nigbrilhom il-bajd u din riedet tigi mieghi tigbor il-bajd it-tifla.* |
| *Difiza:* | *Igifieri hi* |
| *Xhud:* | *Giet u riedet tigi mieghi biex tigbor il-bajd. Dhalna gol-gallinar nitkellem id-dritt dhalna gol-gallinar, ghedtilha igbor il-bajd minn hemm, ghedtilha u hemm il-bajd hemm fuq ghedtilha erhilu issa ngibu jien. Qaltli le le ha ngibhom jien, ghedtilha ejja ha nerfak, qbadtha minn qaddha, erfajtha biex tigbor, kien hemm zewg bajdiet go din il-kaxxa fuq* |
| *Qorti:* | *Dak iz-zmien kellha? Kemm kellha zmien?* |
| *Xhud:* | *Xi disa snin kellha. Qbadtha hekk minn qaddha, erfajtha ghedtilha igborhom hemm tnejn, nizziltha u hrigna l-barra mill-gallinar."* |

Illi oltrè minn hekk il-Qorti tinnota dak illi xehdu kemm -Omissis-[2] (cioè n-nanna tal-vittma minuri) kif ukoll -Omissis-[3] li t-tnejn jishqu li fiz-zmien li sehh l-allegat reat, -Omissis- kienet tifla li kienet tfittex hafna l-attenzjoni.

[2] Fol 217 tal-atti processwali
[3] Fol 100 tal-atti processwali

## IKKUNSIDRAT

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuni ohra.

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-RepubbIika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza.*

*Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[4] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after*

[4] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[5], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal*

[5] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003

*konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**[6] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda*

[6] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi din il-Qorti ghal darb'ohra taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn -Omissis- fejn jinghad hekk:

| | |
|---|---|
| *"Qorti:* | *Qatt stqasejtha ghalfejn qalet hekk u ghalfejn m' ghadiex tghid hekk?* |
| *Xhud:* | *Le, qatt ma staqsejtha?* |
| *…* | |
| *Qorti:* | *Jekk jista' jkun din it-tifla gidbet perezempju, ghal grazzja tal-argument ma tippruvax tara' jekk hux vera, jekk hux vera?* |
| *Xhud:* | *Jiena minn dakinhar sal-lum qatt ma tkellimna fuq il-kaz, hi qatt ma staqsietni"* |

Illi fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti qieghda taghmilha cara u theggeg lill-istess omm u missier il-vittma minuri sabiex jaghmlu hilithom u jindirizzaw il-problema ta' komunikazzjoni li hemm ezistenti

fid-dinamika ta' din il-familja. Kif qalet ben tajjeb -Omissis-[7] kif ukoll -Omissis-[8] fix-xhieda taghhom, ma jistax ikun li tifla ta' disa' (9) snin tithalla waheda b'xejn hlief il-mezzi socjali f'idejha.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghal ricerka ricenti maghmula mill-HBSC (Health Behaviour in School-aged Children) bl-isem ta' "*A focus on adolescent social media use and gaming in Europe, central Asia and Canada*" li jghid hekk:

> *"Social media (including traditional social networking sites, instant messaging apps and other interactive social apps) facilitate both synchronous and asynchronous interactions, blurring the boundaries between the physical world and digital interactions and demanding the re-evaluation of traditional notions of socialization and communication. The unprecedented level of information sharing and exposure to diverse viewpoints on social media introduces adolescents to a realm of opportunities and challenges. The construction of self-identity, formation of peer relationships, exploration of interests and exposure to*

[7] Fol 218 tal-atti processwali
[8] Fol 99 tal-atti processwali

*societal norms are an integral part of online interactions.* ***Alongside these opportunities, however, come concerns related to privacy, cyberbullying, addictive behaviours and potential negative impacts on mental and physical well-being***[9]*"*

Illi l-istess rapport ikompli billi sahansitra anke jitkellem fuq il-kuntest lokali:

*"Overall, 11% of adolescents reported problematic SMU*[10]*. The prevalence of problematic use showed a slight increase since 2018 (from 7%). A larger increase was seen among girls than boys, with 13-year-old girls showing a six percentage-point increase in problematic SMU since 2018. Although 18 countries and regions showed a significant increase in problematic SMU across boys and girls, there was country/region-level variation. Romania showed the greatest increase in problematic SMU across age and gender groups. In contrast, boys in Spain showed a decrease in all age groups. Finland and Norway showed no*

[9] Emfazi ta' din il-Qorti
[10] *Social Media Use*

*change between 2018 and 2022 in all age and gender groups.*

*Romania had the highest prevalence of problematic SMU (22%),* ***followed by Malta (18%)***[11] *and Bulgaria (17%). The lowest prevalence was found in Netherlands (Kingdom of the) (5%)"*

Illi din il-Qorti ssostni li l-interess tal-minuri fil-kuntest ta' familja ghandha tigi l-ewwel u qabel kollox u dan akkost ghal dak li jaf ikun konvenjenti sabiex tikkuntenta lit-tfal.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minn kull htija u piena stante li ma gietx ippruvata oltre d-dubju dettat mil-ligi.

[11] Emfazi ta' din il-Qorti

In oltrè l-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet datata 29 ta' Lulju tas-sena 2021.

_________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**